SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

14 ta' Diċembru 2017*

"Appell – Dumping – Regolament (UE) Nru 502/2013 – Importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw miċ-Ċina – Regolament (KE) Nru 1225/2009 – Artikolu 18(1) – Kooperazzjoni – Kunċett ta' 'informazzjoni neċessarja' – Artikolu 9(5) – Talba għal trattament individwali – Riskju ta' evitar"

Fil-Kawża C-61/16 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fl-4 ta' Frar 2016,

European Bicycle Manufacturers Association (EBMA), stabbilita fi Brussell (il-Belġju), irrappreżentata minn L. Ruessmann, avocat, u J. Beck, solicitor,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

Giant (China) Co. Ltd, stabbilita f'Kunshan (iċ-Ċina), irrappreżentata minn P. De Baere, avocat,

rikorrenti fl-ewwel istanza,

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn H. Marcos Fraile, bħala aġent, assistita minn B. O'Connor, solicitor, u minn S. Gubel, avocat,

konvenut fl-ewwel istanza,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn J.-F. Brakeland u M. França, kif ukoll minn A. Demeneix, bħala aġenti,

intervenjenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, C. Vajda, E. Juhász, K. Jürimäe (Relatur) u C. Lycourgos, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-15 ta' Marzu 2017,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-26 ta' Lulju 2017,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, il-European Bicycle Manufacturers Association (EBMA) titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' Novembru 2015, Giant (China) vs Il-Kunsill (T-425/13, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2015:896), li permezz tagħha din annullat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 502/2013 tad-29 ta' Mejju 2013 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 990/2011 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami interim skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU 2013, L 153, p. 17, iktar 'il quddiem ir-"regolament kontenzjuż"), sa fejn dan kien jikkonċerna lil Giant (China) Co. Ltd (iktar 'il quddiem "Giant").

I. Il-kuntest ġuridiku

2 Fi żmien li twettqet l-investigazzjoni li wasslet għall-adozzjoni tar-regolament kontenzjuż, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-adozzjoni ta' miżuri antidumping mill-Unjoni Ewropea kienu jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU 2009, L 343, p. 51, u rettifika ĠU 2010, L 7, p. 22, iktar 'il quddiem ir-"regolament bażiku").

3 Il-premessa 28 tar-regolament bażiku kienet tipprovdi:

"Huwa meħtieġ li jiġi previst li fejn partijiet ma jikkoperawx b'mod sodisfaċenti tkun tista' tiġi wżata informazzjoni oħra sabiex jiġu stabbiliti tfittxijiet u li informazzjoni bħal din tkun tista tkun inqas favorevoli għall-partijiet milli kieku kienu kkoperaw."

4 L-Artikolu 2(7) ta' dan ir-regolament kien jipprovdi:

"a) Fil-każ ta' l-importazzjonijiet minn pajjiżi li ma għandhomx l-ekonomija tas-suq […], il-valur normali għandu jiġi stabilit fuq il-bażi tal-prezz jew tal-valur maħdum f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq, jew il-prezz minn dan il-pajjiż terz għall-pajjiżi l-oħra, inkluża l-Komunità, jew fejn dawn ma jkunux possibbli, fuq kull bażi oħra raġjonevoli, inkluż il-prezz attwalment imħallas jew li jrid jitħallas fil-Komunità għal prodott simili, aġġustat kif xieraq jekk meħtieġ għalbiex jinkludi marġni ta' profitt raġjonevoli.

Għandu jiġi magħżul pajjiż terz xieraq b'ekonomija tas-suq b'manjiera li ma tkunx irraġjonevoli, filwaqt jitqies kull tagħrif ta' min joqgħod fuqu li jkun disponibbli fiż-żmien tal-għażla. Għandhom jitqiesu wkoll il-limiti taż-żmien; fejn xieraq, għandu jiġi wżat pajjiż terz b'ekonomija tas-suq li huwa bla ħsara għall-istess investigazzjoni.

Il-partijiet fl-investigazzjoni għandhom jiġu mgħarrfa ftit wara l-bidu tagħha (l-investigazzjoni) bil-pajjiż terz b'ekonomija tas-suq previst u għandhom jingħataw għaxart ijiem żmien sabiex jikkommentaw.

b) Fl-investigazzjonijiet ta' kontra d-dumping dwar importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-Vjetnam u l-Każakistan u kull pajjiż li ma jħaddanx l-ekonomija tas-suq li hu membru tal-WTO [Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ] fid-data tal-bidu tal-investigazzjoni, il-valur normali jkun stabbilit skond kif hemm fil-paragrafi 1 sa 6, jekk ikun jidher, fuq il-bażi ta' talbiet li

jkunu sostanzjati b'mod xieraq minn wieħed jew aktar produtturi li jkunu qed jiġu investigati u skond il-kriterji u proċeduri stabbiliti fis-sotto-paragrafu (ċ), li l-kondizzjonijiet ta' l-ekonomija tas-suq jipprevalu għal dan il-produttur jew produtturi għar-rigward tal-manifattura u l-bejgħ tal-prodott simili konċernat. Meta dan ma jkunx il-każ, ir-regoli li jinsabu fis-sotto-paragrafu (a) għandhom japplikaw.

[…]"

5 L-Artikolu 5 tal-imsemmi regolament jipprovdi kif ġej:

"[…]

10. In-notifikazzjoni tal-bidu tal-proċeduri għandha tħabbar il-bidu ta' investigazzjoni, tindika l-prodott u l-pajjiżi konċernati, tagħti ġabra fil-qosor ta' l-informazzjoni riċevuta, u tipprovdi li l-informazzjoni rilevanti kollha għandha tiġi kkomunikata lill-Kumissjoni; għandha turi l-perjodi li matulhom, il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu lilhom infushom magħrufa, jippreżentaw l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u jissottomettu informazzjoni jekk opinjonijiet u informazzjoni bħal dawn għandhom jiġu meqjusa matul l-investigazzjoni; għandha wkoll tistqarr il-perjodu li matulu partijiet interessati jistgħu japplikaw biex jiġu mismugħa mill-Kumissjoni skond l-Artikolu 6(5).

11. Il-Kummissjoni għandha tagħti parir [tavża] lill-esportaturi, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi ta' l-importaturi jew l-esportaturi magħrufa lilha li huma konċernati, kif ukoll lir-rappreżentanti tal-pajjiż ta' esportazzjoni u lil min qiegħed jagħmel l-ilment, bil-bidu tal-proċeduri u, b'qies dovut lejn il-protezzjoni ta' l-informazzjoni kunfidenzjali tipprovdi t-test sħiħ ta' l-ilment miktub riċevut skond il-paragrafu 1 għall-esportaturi magħrufa u għall-awtoritajiet tal-pajjiż ta' esportazzjoni, u tagħmlu disponibbli, fuq talba, lill-partijiet oħra interessati involuti. Fejn in-numru ta' l-esportaturi involuti huwa partikolarment għoli, it-test sħiħ ta' l-ilment miktub jista', minflok, jiġi pprovdut biss lill-awtoritajiet tal-pajjiż ta' esportazzjoni jew lill-assoċjazzjoni rilevanti tal-kummerċ.

[…]"

6 L-Artikolu 6(2) tal-istess regolament kien jipprovdi:

"Partijiet li jirċievu kwestjonarji wżati fl-investigazzjoni ta' anti-dumping għandhom jingħataw mill-inqas 30 ġurnata biex iwieġbu. Il-limitu ta' żmien għall-esportaturi għandu jingħadd mid-data ta' l-irċevuta tal-kwestjonajru, li għal dan l-iskop għandu jiġi meqjus li jkun ġie riċevut ġimgħa wara l-ġurnata li fiha kien ġie mibgħut lill-esportatur jew trasmess lir-rappreżentant xieraq diplomatiku tal-pajjiż ta' esportazzjoni. Tista' tiġi mogħtija estensjoni ta' perjodu ta' 30 ġurnata, jingħata każ tal-limiti ta' żmien ta' l-investigazzjoni, sakemm il-parti turi l-kawża dovuta għal estensjoni bħal din, f'termini taċ-ċirkustanzi partikolari tagħha."

7 L-Artikolu 9(5) tar-regolament bażiku kien jiddikjara:

"Dazju ta' kontra d-dumping jiġi mpost f'ammonti xierqa f'kull każ, fuq bażi mhux diskriminatorja fuq importazzjonijiet ta' prodott mill-għejun kollha li jinstab li kien l-oġġett ta' dumping u li kkawża l-ħsara, ħlief għall-importazzjonijiet minn dawk l-għejun li dwarhom ġew aċċettati impenji skond it-termini ta' dan ir-Regolament. Ir-Regolament li jimponi d-dazju għandu jispeċifika d-dazju għal kull fornitur jew, jekk dan mhux prattikabbli, u b'mod ġenerali fejn jgħodd l-Artikolu 2(7)(a), għal kull pajjiż ikkonċernat li jforni.

Madankollu, fejn japplika l-Artikolu 2(7)(a), għandu jiġi speċifikat dazju individwali għall-esportaturi li jistgħu juru, fuq bażi ta' pretensjonijiet sostanzjati li:

(a) fil-każ ta' ditti li huma kompletament jew parzjalment ta' sidien barranin jew intrapriżi konġunti, huma liberi li jibgħatu lura lejn pajjiżhom il-kapital u l-profitti;

(b) il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni u l-kwantitajiet u l-kondizzjonijiert u t-termini tal-bejgħ huma determinati liberament;

(ċ) il-maġġoranza ta' l-ishma jappartjenu lil persuni privati, L-uffiċjali ta' l-Istat li jidhru fuq il-Bord tad-diretturi jew li għandhom karigi maniġerjali importanti jew huma fil-minoranza jew għandu jintwera' li l-kumpannija hi xorta waħda indipendenti biżżejjed mill-indħil ta' l-Istat;

d) il-konverżjonijiet tal-kambju jitwettqu skond ir-rata fis-suq; u

e) l-indħil ta' l-Istat mhux tali li jippermetti ħelsien mir-restrizzjonijiet ta' miżuri jekk l-esportaturi individwali jingħatawlhom rati differenti ta' dazju."

8 L-Artikolu 18 ta' dan ir-regolament kien jipprevedi:

"1. F'każijiet fejn kwalunkwe parti interessata tirrifjuta aċċess għal, jew inkella ma tagħtix informazzjoni neċessarja fi żmien il-limiti ta' żmien mogħtija f'dan ir-Regolament, jew timpedixxi l-investigazzjoni b'mod sinifikanti, is-sejbiet proviżorji jew finali, affirmattivi jew negattivi, jistgħu jiġu magħmula fuq il-bażi tal-fatti disponibbli. Fejn jinstab li parti interessata tkun forniet informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni għandha tiġi injorata u jista' jsir użu mill-fatti disponibbli. Partijiet interessati għandhom jiġu magħmula konxji mill-konsegwenzi ta' nuqqas ta' koperazzjoni.

[…]

3. Fejn l-informazzjoni sottomessa minn parti interessata ma tkunx ideali f'kull rispett, din ma għandhiex madanakollu tiġi injorata, sakemm in-nuqqasijiet ma jkunux tali li jikkawżaw diffikultà mhux dovuta fil-wasla għas-sejba preċiża b'mod raġjonevoli u li l-informazzjoni tiġi sottomessa kif xieraq f'qasir żmien u li din tista' tiġi vverifikata, u li l-parti tkun aġixxiet bl-aħjar mod li tista'.

[…]

6. Jekk parti interessata ma tikkoperax, jew tikkopera biss parzjalment, sabiex informazzjoni rilevanti tiġi b'hekk miżmuma, ir-riżultat jista jkun inqas favorevoli għall-parti milli kieku kienet ikkoperat."

II. Il-fatti li wasslu għall-kawża u r-regolament kontenzjuż

9 Matul is-sena 1993, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea stabbilixxa dazju antidumping definittiv ta' 30.6 % fuq l-importazzjonijiet, fl-Unjoni, ta' roti li joriġinaw miċ-Ċina. Sussegwentement, dan id-dazju antidumping inżamm fl-istess livell. Matul is-sena 2005, l-imsemmi dazju ttella' għal 48.5 % u mbagħad inżamm f'dan il-livell tal-aħħar.

10 Fid-9 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni ħabbret il-ftuħ *ex officio* ta' eżami mill-ġdid intermedju tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw miċ-Ċina, konformement mal-Artikolu 11(3) tar-regolament bażiku.

11 Erba' gruppi ta' produtturi-esportaturi Ċiniżi ddikjaraw li wettqu esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perijodu ta' investigazzjoni, li kien ikopri l-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2011. Fost dawn l-erba' gruppi ta' produtturi-esportaturi kien jinsab il-grupp li kienet tifforma parti minnu

Giant (iktar 'il quddiem il-"grupp Giant"), kumpannija stabbilita fiċ-Ċina li tipproduċi roti intiżi għall-bejgħ intern u għall-esportazzjoni, inkluż lejn l-Unjoni. L-azzjonist aħħari tal-grupp Giant huwa G.M., li hija kumpannija stabbilita fit-Taiwan. Peress li l-impriża konġunta Shanghai Giant & Phoenix Bicycle Co. Ltd (iktar 'il quddiem "GP"), li hija waħda mill-kumpanniji li jifformaw parti mill-grupp Giant, waqqfet l-attivitajiet kollha tagħha fix-xahar ta' Settembru 2011 u kienet tinsab fi stralċ, Giant talbet lill-Kummissjoni sabiex din tiġi eskluża mill-investigazzjoni.

12 Fil-15 ta' Mejju 2012, il-Kummissjoni bagħtet lill-erba' gruppi ta' produtturi-esportaturi msemmija fil-punt ta' qabel dan formuli ta' talba għal trattament tal-ekonomija tas-suq (iktar 'il quddiem it-"TES"), skont l-Artikolu 2(7)(b) tar-regolament bażiku. Fl-ittra mibgħuta lilha, Giant ġiet informata li, jekk xtaqet tikseb it-TES, kull waħda mill-kumpanniji relatati li jinsabu fiċ-Ċina kellha timla formula ta' talba għal TES, inkluża GP, peress li din il-kumpannija kienet tipproduċi roti u kienet l-ikbar esportatur tal-grupp Giant lejn l-Unjoni matul il-perijodu ta' investigazzjoni.

13 Fl-4 ta' Ġunju 2012, Giant ippreżentat il-formuli ta' talba għal TES għal sitt kumpanniji li jifformaw parti mill-grupp Giant, fosthom GP. Fil-formula ta' talba għal TES tagħha, GP ġiet ippreżentata bħala impriża konġunta maħluqa minn kumpannija stabbilita fit-Taiwan, jiġifieri B.I., li hija stess hija relatata ma' G.M., u żewġ kumpanniji stabbiliti fiċ-Ċina, S.G. u Jinshan Development and Construction (iktar 'il quddiem "Jinshan"). B.I. u Jinsha kellhom 45 % tal-ishma ta' GP kull waħda, u S.G. kellha 10 %.

14 Permezz ta' ittra tal-14 ta' Ġunju 2012, il-Kummissjoni talbet kjarifiki dwar ir-relazzjonijiet bejn il-grupp Giant u Jinshan. Abbażi ta' evalwazzjoni preliminari, il-Kummissjoni kkonkludiet li dan il-grupp kien relatat ma' Jinshan u li l-investimenti prinċipali ta' din tal-aħħar kienu jirrigwardaw il-produzzjoni u l-bejgħ ta' roti. Konsegwentement, Giant ġiet informata li hija kellha tirritorna l-formula ta' talba għal TES għal Jinshan u għall-kumpanniji kollha li jifformaw parti minn din il-kumpannija (iktar 'il quddiem il-"grupp Jinshan"). Fl-assenza ta' dawn il-formuli, il-Kummissjoni indikat li hija setgħet tistabbilixxi konklużjonijiet abbażi ta' data disponibbli, konformement mal-Artikolu 18 tar-regolament bażiku, u tiċħad it-talba għal TES għall-grupp Giant kollu.

15 Fil-21 ta' Ġunju 2012, Giant ippreżentat osservazzjonijiet dwar l-ittra tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ġunju 2012. Hija indikat b'mod partikolari li, peress li hija kienet relatata ma' Jinshan sempliċement b'mod indirett ħafna, u dan tramite GP, u peress li Jinshan ma kinitx produttur tal-prodott ikkonċernat, hija ma kinitx obbligata tippreżenta talba għal TES għal Jinshan.

16 Permezz ta' ittra tal-4 ta' Lulju 2012, il-Kummissjoni kkonfermat li hija kienet tqis li Giant kienet effettivament relatata ma' Jinshan u li, peress li l-entitajiet tal-grupp Jinshan ma kinux imlew il-formula ta' talba għal TES, hija kellha l-intenzjoni tapplika l-Artikolu 18 tar-regolament bażiku u tiċħad it-talba għal TES tal-grupp Giant. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tenniet it-talba tagħha lil Giant sabiex tippreżenta tweġibiet għall-kwestjonarju antidumping għall-produtturi-esportaturi ta' roti kollha li kienu relatati magħha, inklużi dawk li jifformaw parti mill-grupp Jinshan.

17 Permezz ta' ittra tas-16 ta' Lulju 2012, Giant għal darba oħra indikat li r-relazzjoni tagħha ma' Jinshan kienet biss indiretta u li għaldaqstant din tal-aħħar ma kinitx marbuta timla talba għal TES, u lanqas tikkompleta l-kwestjonarju antidumping.

18 Fl-20 ta' Lulju 2012, Giant bagħtet it-tweġibiet għall-kwestjonarju antidumping għal ħdax-il kumpannija li jifformaw parti mill-grupp Giant u li jipparteċipaw fil-produzzjoni u fl-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat, inkluża GP, kif ukoll għal sitt sussidjarji ta' bejgħ stabbiliti fit-territorju tal-Unjoni.

19 Fit-28 ta' Awwissu 2012, matul seduta li nżammet fil-bini tal-Kummissjoni, Giant ressqet oġġezzjonijiet kontra l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tapplika l-Artikolu 18 tar-regolament bażiku fil-kuntest tat-talba tagħha għal TES, u dan billi sostniet li la kien neċessarju u lanqas ma kien possibbli li jitressqu talbiet għal TES, u lanqas risposti għall-kwestjonarju għall-kumpanniji l-oħrajn li Jinshan kienet investiet fihom.

20 Fit-23 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni informat lil Giant li, peress li ma rċevietx talbiet għal TES għall-kumpanniji li jifformaw parti mill-grupp Jinshan, hija kienet f'impossibbiltà li teżamina l-mertu tat-talba tagħha għal TES. Konsegwentement, il-Kummissjoni ddeċidiet li tapplika l-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku u li ma tikkunsidra xejn mill-informazzjoni ppreżentata minn Giant dwar it-talba tagħha għal TES.

21 Fil-21 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni informat lil Giant li hija kellha l-intenzjoni tapplika l-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku u li tistabbilixxi l-konklużjonijiet tagħha abbażi tad-data disponibbli anki għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni, peress li fin-nuqqas ta' informazzjoni kompluta dwar il-partijiet kollha relatati ma' GP, kien impossibbli li jitwettqu kalkoli kompleti u affidabbli dwar il-prezz tal-esportazzjoni u għalhekk li jiġu ddeterminati marġni individwali ta' dumping għal GP, u għalhekk għall-grupp Giant kollu.

22 Fil-5 ta' Ġunju 2013, il-Kunsill adotta r-regolament kontenzjuż. Dan ir-regolament żamm id-dazju antidumping definittiv ta' 48.5 % applikabbli għal Giant.

23 Fil-premessi 63 u 64 kif ukoll 131 sa 138 ta' dan ir-regolament, il-Kunsill minn naħa kkonferma li kien qiegħed jagħmel użu mill-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku u li ma setax jiddetermina marġni individwali ta' dumping għall-grupp Giant u, min-naħa l-oħra, ċaħad l-argumenti ta' Giant intiżi li juru li ma kien jeżisti ebda riskju ta' evitar tal-miżuri antidumping jekk tali marġni individwali kellha tiġi kkalkolata għall-grupp Giant.

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

24 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Awwissu 2013, Giant ressqet azzjoni għall-annullament tar-regolament kontenzjuż, sa fejn dan jikkonċernaha.

25 Insostenn tar-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, Giant invokat tmien motivi. Il-Qorti Ġenerali eżaminat biss l-ewwel parti tat-tielet motiv kif ukoll il-ħames u s-seba' motivi. Dawn il-motivi essenzjalment kienu jikkonċernaw, minn naħa, il-kunċett ta' "informazzjoni neċessarja" fis-sens tal-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku u, min-naħa l-oħra, il-kwistjoni ta' jekk ir-rifjut li jingħata trattament individwali setax ikun ibbażat fuq l-eżistenza ta' riskju ta' evitar.

26 Il-Qorti Ġenerali laqgħet l-imsemmija motivi u kkonstatat li kien hemm lok li r-regolament kontenzjuż jiġi annullat sa fejn kien jikkonċerna lil Giant, mingħajr ma kien neċessarju jiġu eżaminati l-motivi l-oħrajn.

IV. It-talbiet tal-partijiet fl-appell

27 L-EBMA titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tagħti deċiżjoni fuq il-mertu u tiċħad ir-rikors għal annullament jew tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tagħti deċiżjoni fuq il-mertu tar-rikors għal annullament, u

– tikkundanna lil Giant għall-ispejjeż sostnuti għall-finijiet tal-appell u tal-intervent tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali.

28 Giant titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiddikjara l-appell manifestament inammissibbli u/jew manifestament infondat, u konsegwentement, tiċħad l-appell kollu kemm hu permezz ta' digriet motivat, b'applikazzjoni tal-Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja;

– fi kwalunkwe każ, tiċħad l-appell bħala inammissibbli u/jew infondat, u

– tikkundanna lill-EBMA għall-ispejjeż ta' din il-proċedura.

29 Il-Kunsill u l-Kummissjoni jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tagħti deċiżjoni fuq il-mertu u tiċħad ir-rikors għal annullament jew tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tagħti deċiżjoni fuq il-mertu tar-rikors għal annullament, u

– tikkundanna lil Giant għall-ispejjeż sostnuti quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja.

V. Fuq l-appell

30 L-EBMA tinvoka tliet aggravji. L-ewwel u t-tieni aggravji huma bbażati fuq interpretazzjoni u fuq applikazzjoni żbaljati tal-Artikolu 18 tar-regolament bażiku. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi, sa fejn il-Qorti Ġenerali qieset li ma jkunx hemm riskju ta' evitar jekk Giant tibbenefika minn dazju antidumping individwali.

31 Giant tqis li dawn it-tliet aggravji huma inammissibbli.

A. Fuq l-ammissibbiltà

32 Giant issostni li l-appell huwa inammissibbli, inkwantu t-tliet aggravji mqajma mill-EBMA jirrigwardaw l-evalwazzjoni tal-fatti, li ma taqax taħt l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja, mingħajr ma ebda żnaturament tal-fatti jew tal-provi ma ġiet invokata.

33 F'dan ir-rigward għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li permezz tagħha, mill-Artikolu 256 TFUE u mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jirriżulta li l-Qorti Ġenerali biss għandha l-kompetenza, minn naħa, li tikkonstata l-fatti, ħlief fil-każ fejn l-ineżattezza materjali tal-konstatazzjonijiet tagħha tirriżulta mill-atti tal-proċess li jkunu ġew ippreżentati quddiemha, u, min-naħa l-oħra, li tevalwa dawn il-fatti. Ladarba l-Qorti Ġenerali tkun ikkonstatat jew evalwat il-fatti, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-kompetenza, skont l-Artikolu 256 TFUE, li teżerċita stħarriġ dwar il-klassifikazzjoni legali ta' dawn il-fatti u l-konsegwenzi legali li l-Qorti Ġenerali tkun siltet minnhom. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex kompetenza sabiex tikkonstata l-fatti u lanqas, bħala regola, sabiex teżamina l-provi li l-Qorti Ġenerali qieset insostenn ta' dawn il-fatti. Bla ħsara għall-każ tal-iżnaturament ta' dawn l-elementi, din l-evalwazzjoni għaldaqstant ma tikkostitwixxix kwistjoni ta' dritt suġġett, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 29, kif ukoll

digrieti tad-29 ta' Novembru 2012, Dimos Peramatos vs Il-Kummissjoni, C-647/11 P, mhux ippubblikat, EU:C:2012:764, punt 28, u tad-9 ta' Frar 2017, Syndial vs Il-Kummissjoni, C-410/16 P, mhux ippubblikat, EU:C:2017:112, punt 9).

34 Permezz tal-argumenti li tinvoka insostenn tal-ewwel u t-tieni aggravji, l-EBMA tikkritika, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali, l-ewwel nett illi tat prova li hija fehmet l-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku b'mod żbaljat, it-tieni nett, li wettqet applikazzjoni żbaljata ta' din id-dispożizzjoni fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-kooperazzjoni ta' Giant, it-tielet nett, li imponiet fuq il-Kummissjoni oneru eċċessiv billi talbitha turi fiex l-informazzjoni li hija xtaqet tikseb f'dak li jikkonċerna l-kumpanniji relatati kienet "neċessarja" u, ir-raba' nett, talli wettqet sostituzzjoni tal-motivi.

35 Fil-kuntest tat-tielet aggravju, l-EBMA tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli qieset li l-Kunsill ma setax jinvoka r-riskju ta' evitar sabiex jiġġustifika r-rifjut li jiġi applikat dazju antidumping individwali għal Giant.

36 Minkejja li ċertu argumenti tal-EBMA jikkontestaw evalwazzjonijiet fattwali magħmula mill-Qorti Ġenerali, dawn it-tliet aggravji madankollu jqajmu kwistjonijiet dwar l-interpretazzjoni li hija wettqet tad-dispożizzjonijiet legali u għaldaqstant jirrigwardaw kwistjonijiet ta' dritt li jistgħu jiġu suġġetti għall-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell.

37 Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-appell imqajma minn Giant ma tistax tintlaqa'.

B. Fuq l-ewwel u t-tieni aggravji

1. L-argumenti tal-partijiet

38 L-ewwel u t-tieni aggravji jikkonċernaw il-punti 56 sa 78 tas-sentenza appellata.

39 Fil-kuntest tal-ewwel aggravju, l-EBMA, sostnuta mill-Kunsill u mill-Kummissjoni, issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball meta qieset li l-kwistjoni li tqum fil-kawża ineżami kienet dik tal-applikazzjoni tal-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku għall-prezz tal-esportazzjoni ta' Giant, filwaqt li, fir-regolament kontenzjuż, il-Kunsill applika din id-dipożizzjoni globalment għall-grupp Giant għaliex ma kellux informazzjoni kompleta u eżawrjenti dwar il-kumpanniji relatati. Meta għamlet dan, il-Qorti Ġenerali tat prova li hija fehmet b'mod żbaljat l-Artikolu 18(1) u (3) ta' dan ir-regolament.

40 F'dan ir-rigward, l-EBMA tippreċiża li, skont dawn id-dispożizzjonijiet, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jagħmlu użu mid-data disponibbli bi tliet modi, jiġifieri, l-ewwel nett, b'mod globali, f'dak li jikkonċerna l-informazzjoni u d-data kollha pprovduta minn parti, it-tieni nett, f'dak li jikkonċerna sett sħiħ ta' informazzjoni jew ta' data, pereżempju talba għal trattament individwali, jew, it-tielet nett, f'dak li jikkonċerna ċerti aspetti ta' sett ta' informazzjoni jew ta' data, pereżempju l-kummissjonijiet fuq il-bejgħ għall-esportazzjoni. Fit-tieni u t-tielet każ, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkunu qegħdin jissostitwixxu biss l-informazzjoni jew id-data miċħuda u jużaw l-informazzjoni jew id-data l-oħra. Fl-ewwel każ, l-istituzzjonijiet ikunu qegħdin jirrifjutaw l-informazzjoni u d-data pprovduta kollha.

41 Fil-kuntest tat-tieni aggravju, l-EBMA, sostnuta mill-Kunsill u mill-Kummissjoni, tqis, l-ewwel nett, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-analiżi tal-eżistenza ta' nuqqas ta' kooperazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku. Fil-fatt, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali huwa bbażat fuq premessa żbaljata, jiġifieri li l-informazzjoni u d-data pprovduta minn Giant isservi biss sabiex tippermetti lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistabbilixxu l-prezz tal-esportazzjoni. F'fażi inizjali, l-informazzjoni meħtieġa tkun tikkorrispondi għall-minimu bażiku indispensabbli sabiex tippermetti lil dawn l-istituzzjonijiet jiksbu stampa kompleta u eżatta tal-grupp Giant kif ukoll tal-kumpanniji relatati

tiegħu. Issa, id-data pprovduta minn Giant ma kinitx suffiċjenti sabiex tali stampa tiġi stabbilita. It-tieni nett, l-EBMA ssostni li l-Qorti Ġenerali b'mod żbaljat imponiet fuq il-Kummissjoni oneru eċċessiv meta hija talbitha turi fiex l-informazzjoni li hija xtaqet tikseb f'dak li jikkonċerna l-kumpanniji relatati kienet neċessarja. It-tielet nett, l-EBMA tqis li, b'teħid kont tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li jgawdu minnha l-Kunsill u l-Kummissjoni fil-proċeduri antidumping, il-Qorti Ġenerali ma tistax tissostitwixxi l-Kunsill billi tiddeċiedi li l-konklużjonijiet tiegħu huma bbażati fuq provi parzjali.

42 Giant tikkontesta l-fondatezza ta' dawn l-aggravji.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

43 Permezz tal-ewwel u tat-tieni aggravji, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, l-EBMA ssostni, minn naħa, li l-Qorti Ġenerali interpretat u applikat l-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku b'mod żbaljat. Min-naħa l-oħra, l-EBMA essenzjalment issostni li l-Qorti Ġenerali b'mod illegali ssostitwixxiet l-evalwazzjoni tal-Kunsill bl-evalwazzjoni tagħha stess.

a) Fuq l-iżball ta' liġi fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku

1) Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku

44 L-EBMA essenzjalment tqis li l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali, li tidher b'mod partikolari fil-punt 77 tas-sentenza appellata, li skontha l-Kunsill kiser l-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku billi għamel użu mid-data disponibbli għall-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni, hija bbażata fuq żball ta' interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

45 Skont l-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jagħmlu użu mid-data disponibbli sabiex jistabbilixxu konklużjonijiet preliminari jew finali, pożittivi jew negattivi, b'mod partikolari meta parti kkonċernata tirrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni neċessarja jew ma tipprovdihiex fit-termini previsti minn dan ir-regolament.

46 Ir-regolament bażiku ma jinkludix definizzjoni tal-kunċett ta' "informazzjoni neċessarja". Minn dan isegwi li, sabiex tiġi ddeterminata l-portata tal-Artikolu 18(1) ta' dan ir-regolament, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni kemm il-kliem tiegħu, kemm il-kuntest tiegħu u kif ukoll l-għanijiet tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' April 2017, Changshu City Standard Parts Factory u Ningbo Jinding Fastener vs Il-Kunsill, C-376/15 P u C-377/15 P, EU:C:2017:269, punt 52 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

47 Fl-ewwel lok, f'dak li jikkonċerna l-formulazzjoni tal-Artikolu 18(1) tal-imsemmi regolament, l-aġġettiv "neċessarju" jirreferi, fis-sens normali tiegħu, għal dak li huwa meħtieġ jew indispensabbli sabiex jintlaħaq għan partikolari. B'hekk, hija biss l-informazzjoni li mingħajrha l-investigazzjoni antidumping ma tistax tinġieb fi tmiemha li tista' titqies bħala "neċessarja" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

48 Barra minn hekk, l-imsemmija dispożizzjoni tippreċiża li d-data disponibbli, li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jagħmlu użu minnha meta parti kkonċernata tonqos milli tipprovdi l-informazzjoni neċessarja, għandha sservi sabiex jiġu stabbiliti konklużjonijiet preliminari jew finali, pożittivi jew negattivi.

49 Minn dan isegwi li informazzjoni titqies "neċessarja" meta, f'investigazzjoni partikolari, din tkun tippermetti li tali konklużjonijiet jiġu stabbiliti. Peress li element ta' informazzjoni jista' jippermetti li jiġu stabbiliti l-imsemmija konklużjonijiet f'investigazzjoni u jkun inutli f'investigazzjoni oħra, għandu jitqies li l-evalwazzjoni li tippermetti li jiġi ddeterminat jekk element ta' informazzjoni partikolari

jikkostitwixxix "informazzjoni neċessarja", fis-sens tal-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku, jew le, għandha titwettaq b'teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull investigazzjoni, u mhux b'mod astratt.

50 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kuntest tal-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 5(10) ta' dan ir-regolament jipprovdi li l-avviż ta' ftuħ tal-proċedura antidumping, li għandu jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni, tistabbilixxi t-terminu li fih il-partijiet ikkonċernati jistgħu jsiru magħrufa, jippreżentaw il-perspettiva tagħhom bil-miktub u jgħaddu informazzjoni, jekk dawn il-perspettivi u din l-informazzjoni għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni matul l-investigazzjoni antidumping. Barra minn hekk, l-Artikolu 5(11) tal-imsemmi regolament jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tavża b'mod partikolari lill-esportaturi, lill-importaturi kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-importaturi jew l-esportaturi magħrufa lilha li huma kkonċernati mill-ftuħ ta' din l-investigazzjoni. Barra minn hekk, mill-Artikolu 6(2) tal-istess regolament jirriżulta li għandu jiġi ppreparat kwestjonarju mis-servizzi tal-Kummissjoni sabiex tinkiseb l-informazzjoni neċessarja għall-imsemmija investigazzjoni. Dan il-kwestjonarju jintbagħat lill-partijiet ikkonċernati, li bħala regola għandhom tletin jum sabiex jirrispondu għalih.

51 Għaldaqstant mill-Artikolu 5(10) u (11), kif ukoll mill-Artikolu 6(2) tar-regolament bażiku jirriżulta li l-partijiet ikkonċernati huma obbligati jipprovdu lis-servizzi tal-Kummissjoni l-informazzjoni li tippermettilha twettaq l-investigazzjoni antidumping. Għaldaqstant, moqri fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet, il-kunċett ta' "informazzjoni neċessarja", imsemmi fl-Artikolu 18(1) ta' dan ir-regolament, jirreferi għal din l-istess informazzjoni.

52 Barra minn hekk, mill-Artikolu 18(3) u (6) tar-regolament bażiku jirriżulta li l-informazzjoni li l-partijiet ikkonċernati huma obbligati li jipprovdu lill-Kummissjoni għandha tintuża mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni għall-finijiet tal-istabbiliment tal-konklużjonijiet tal-investigazzjoni antidumping u li dawn l-istess partijiet ma għandhomx jomettu informazzjoni rilevanti. Peress li element ta' informazzjoni partikolari jista' jkollu rwol deċiżiv f'investigazzjoni u ma jkunx rilevanti f'investigazzjoni oħra, mill-Artikolu 18(3) u (6) ta' dan ir-regolament jirriżulta li n-natura "neċessarja" ta' element ta' informazzjoni partikolari għandha tiġi evalwata każ b'każ.

53 Għaldaqstant, l-analiżi tal-kuntest tal-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku tikkorrobora l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "informazzjoni neċessarja", kif ħarġet fi tmiem l-analiżi litterali ta' din id-dispożizzjoni. B'hekk, informazzjoni titqies bħala "neċessarja", fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, jekk din tkun ta' natura li tippermetti lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistabbilixxu l-konklużjonijiet li huma meħtieġa fil-kuntest tal-investigazzjoni antidumping, u l-evalwazzjoni tan-natura "neċessarja" ta' informazzjoni għandha ssir każ b'każ.

54 Fit-tielet lok, id-definizzjoni tal-kunċett ta' "informazzjoni neċessarja" għandha tieħu kont tal-għan tal-Artikolu 18 tar-regolament bażiku. F'dan ir-rigward, hekk kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 50 tal-konklużjonijiet tiegħu, hija l-Kummissjoni li, bħala awtorità investigatriċi, għandha tistabbilixxi l-eżistenza ta' dumping, ta' dannu u ta' rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping u d-dannu. Madankollu, ebda dispożizzjoni tar-regolament bażiku ma tagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tobbliga lill-partijiet ikkonċernati sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni jew sabiex jipproduċu informazzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tiddependi fuq il-kooperazzjoni volontarja ta' dawn il-partijiet sabiex jipprovdulha l-informazzjoni neċessarja (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Simon, Evers & Co., C-21/13, EU:C:2014:2154, punti 31 u 32).

55 F'dan il-kuntest, mill-premessa 28 tar-regolament bażiku jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni jipprevedi li, fir-rigward ta' partijiet li ma jikkooperawx b'mod sodisfaċenti tkun tista' tintuża informazzjoni oħra sabiex jiġu stabbiliti sejbiet u li din l-informazzjoni tista' tkun inqas favorevoli għall-imsemmija partijiet milli kieku kienu kkooperaw. Għaldaqstant, l-għan tal-Artikolu 18 tar-regolament bażiku huwa li jippermetti lill-Kummissjoni tkun tista' twettaq l-investigazzjoni anki jekk il-partijiet ikkonċernati jirrifjutaw li jikkooperaw jew jikkooperaw b'mod insuffiċjenti.

56 B'hekk, hekk kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punti 53 u 54 tal-konklużjonijiet tiegħu, peress li l-partijiet ikkonċernati huma obbligati jikkooperaw bl-aħjar mod possibbli għalihom, dawn il-partijiet għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha li huma jkollhom u li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jqisu neċessarji sabiex jistabbilixxu l-konklużjonijiet tagħhom.

57 Mill-kliem, mill-kuntest u mill-għan tal-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku għaldaqstant jirriżulta li l-kunċett ta' "informazzjoni neċessarja" jirreferi għall-informazzjoni li l-partijiet ikkonċernati jkollhom li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jitolbuhom jipprovdu sabiex jistabbilixxu l-konklużjonijiet li huma meħtieġa fil-kuntest tal-investigazzjoni antidumping.

58 Huwa fir-rigward tal-kunċett ta' "informazzjoni neċessarja", kif iddefinita fil-punt ta' qabel dan tas-sentenza preżenti, li għandu jiġi vverifikat jekk il-Qorti Ġenerali wettqitx żball ta' liġi, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku, meta qieset li l-Kunsill, b'mod żbaljat, għamlet użu mid-data disponibbli għall-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni.

2) Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku mill-Qorti Ġenerali

59 Fl-ewwel lok, f'dak li jikkonċerna l-argument ibbażat fuq il-premessa żbaljata li fuqha l-Qorti Ġenerali bbażat ruħha, għandu jiġi rrilevat li l-EBMA essenzjalment issostni li l-Qorti Ġenerali fehmet ir-regolament kontenzjuż b'mod żbaljat. Hija wettqet żball meta qieset li l-kwistjoni li kienet tqum fil-kawża ineżami kienet dik tal-applikazzjoni tal-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku għall-prezz tal-esportazzjoni ta' Giant, filwaqt li, fir-regolament kontenzjuż, il-Kunsill applika din id-dipożizzjoni globalment għall-grupp Giant għaliex ma kellux informazzjoni kompleta u eżawrjenti dwar il-kumpanniji relatati.

60 F'dan ir-rigward, hekk kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 67 tal-konklużjonijiet tiegħu, fil-premessa 131 tar-regolament kontenzjuż il-Kunsill indika li l-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku kien ġie applikat sabiex jiġi ddeterminat il-prezz tal-esportazzjoni. Barra minn hekk, jirriżulta b'mod partikolari mill-punt 52 tas-sentenza appellata li l-Qorti Ġenerali kellha l-intenzjoni tirrispondi għall-argument ta' Giant li jgħid li, kuntrarjament għal dak li sostna l-Kunsill fir-regolament kontenzjuż, l-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni dwar il-kumpanniji tal-grupp Jinshan ma kinitx neċessarja għall-kalkolu ta' prezz tal-esportazzjoni affidabbli u, għaldaqstant, għad-determinazzjoni ta' marġni ta' dumping individwali. Fl-aħħar nett, fil-punt 23 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali semmiet ittra tal-Kummissjoni, indirizzata lil Giant u datata l-21 ta' Marzu 2013, li fiha din l-istituzzjoni informat lil din tal-aħħar li hija kellha l-intenzjoni tapplika din id-dispożizzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni.

61 Minn dan isegwi li għandu jiġi miċħud l-argument li l-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq premessa żbaljata meta qieset li l-kwistjoni li kienet tqum fil-kawża ineżami kienet dik tal-applikazzjoni tal-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku għall-prezz tal-esportazzjoni.

62 Fit-tieni lok, f'dak li jikkonċerna l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali dwar il-kooperazzjoni ta' Giant, hekk kif ġie osservat fil-punt 57 tas-sentenza preżenti, il-kunċett ta' "informazzjoni neċessarja" jirrigwarda informazzjoni ta' natura li tippermetti lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistabbilixxu l-konklużjonijiet li huma meħtieġa fil-kuntest tal-investigazzjoni antidumping.

63 F'din il-kawża, fil-punti 63 sa 69 tas-sentenza appellata l-Qorti Ġenerali vverifikat jekk l-informazzjoni dwar il-kumpanniji tal-grupp Jinshan, li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni xtaqu jiksbu sabiex, b'mod partikolari, jiddeterminaw il-prezz tal-esportazzjoni ta' Giant, setgħetx tinfluwenza din id-determinazzjoni. Fil-punt 74 tas-sentenza appellata, hija kkonkludiet li din l-informazzjoni ma kinitx rilevanti fil-kuntest tal-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni.

64 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "informazzjoni neċessarja" stabbilita fil-punt 57 tas-sentenza preżenti, għandu jitqies li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta, fil-punt 77 tas-sentenza appellata, hija ddeċidiet li l-Kunsill kien kiser l-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku, u dan billi għamel użu mid-data disponibbli għall-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni.

65 Fit-tielet lok, l-argument ibbażat fuq li l-Qorti Ġenerali imponiet oneru eċċessiv fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni meta hija talbithom juru fiex l-informazzjoni li huma xtaqu li tiġi kkomunikata kienet "neċessarja" ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, b'mod partikolari mill-punti 54 u 57 tas-sentenza preżenti jirriżulta li huma dawn l-istituzzjonijiet li għandhom l-oneru li jistabbilixxu l-prova tal-eżistenza ta' dumping, ta' dannu u ta' rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping u dan id-dannu u, għaldaqstant, ukoll, in-natura "neċessarja" ta' informazzjoni sabiex wieħed jasal għall-konklużjonijiet li huma meħtieġa fil-kuntest tal-investigazzjoni antidumping.

66 Minn dan isegwi li l-argument tal-EBMA li jgħid li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku għandu jiġi miċħud bħala infondat.

b) Fuq l-argument ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali b'mod illegali ssostitwixxiet lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni

67 L-EBMA tqis li, b'teħid kont tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li jgawdu minnha l-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-proċeduri antidumping, il-Qorti Ġenerali ma tistax tissostitwixxi lil dawn l-istituzzjonijiet billi tiddeċiedi li l-konklużjonijiet tiegħu huma misluta minn fuq provi parzjali. B'hekk il-Qorti Ġenerali kisret din is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa u marret lil hinn mis-setgħa tagħha ta' stħarriġ ġudizzjarju.

68 F'dan ir-rigward għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni, u b'mod partikolari fil-qasam tal-miżuri ta' difiża kummerċjali, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa minħabba l-kumplessità tas-sitwazzjonijiet ekonomiċi, politiċi u ġuridiċi li jkollhom jeżaminaw. Fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' tali evalwazzjoni, dan għandu għalhekk ikun limitat għall-verifika tal-osservanza tar-regoli tal-proċedura, tal-eżattezza materjali tal-fatti kkunsidrati sabiex issir l-għażla kkontestata, tal-assenza ta' żball manifest fl-evalwazzjoni ta' dawn il-fatti, jew tal-assenza ta' użu ħażin ta' poter (sentenza tas-16 ta' Frar 2012, Il-Kunsill u Il-Kummissjoni vs Interpipe Niko Tube u Interpipe NTRP, C-191/09 P u C-200/09 P, EU:C:2012:78, punt 63 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

69 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-istħarriġ, mill-Qorti Ġenerali, tal-provi li fuqhom l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jibbażaw il-konstatazzjonijiet tagħhom ma jikkostitwixxix evalwazzjoni ġdida tal-fatti li tissostitwixxi dik ta' dawn l-istituzzjonijiet. Dan l-istħarriġ ma jindaħalx fis-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa ta' dawn l-istituzzjonijiet fil-qasam tal-politika kummerċjali, iżda jillimita ruħu josserva jekk dawn l-elementi humiex ta' natura li jappoġġjaw il-konklużjonijiet misluta mill-istituzzjonijiet. Għaldaqstant, hija l-Qorti Ġenerali li għandha mhux biss tivverifika l-eżattezza materjali tal-provi invokati, l-affidabbiltà tagħhom u l-koerenza tagħhom, iżda wkoll li tistħarreġ jekk dawn l-elementi jikkostitwixxux id-data rilevanti kollha li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk din hijiex ta' natura li tkun ta' bażi għall-konklużjonijiet misluta minnha (sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Maxcom vs City Cycle Industries, C-248/15 P, C-254/15 P u C-260/15 P, EU:C:2017:62, punt 89 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

70 Issa, hekk kif jirriżulta mill-punt 63 tas-sentenza preżenti, il-Qorti Ġenerali kkuntentat ruħha li tistħarreġ l-osservanza, mill-Kunsill, tal-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku, abbażi tal-elementi fattwali li tressqu quddiemha. Hija qieset li, fis-sitwazzjoni partikolari tal-kawża ineżami, din l-istituzzjoni ma setgħetx tirrikorri għad-data disponibbli għad-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni ta' Giant sa fejn, minn naħa, l-informazzjoni pprovduta minn Giant kienet

tippermetti li tiġi eskluża n-natura neċessarja tal-informazzjoni dwar il-kumpanniji tal-grupp Jinshan għall-finijiet tal-kalkolu ta' dan il-prezz tal-esportazzjoni u, min-naħa l-oħra, l-imsemmija istituzzjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tippreċiża liema informazzjoni addizzjonali li tirrigwarda lil dawn il-kumpanniji setgħet tirriżulta li hija neċessarja għall-kalkolu tal-imsemmi prezz tal-esportazzjoni.

71 Meta għamlet dan, il-Qorti Ġenerali ma marritx lil hinn mil-limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju li hija obbligata twettaq fir-rigward tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 68 tas-sentenza preżenti.

72 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-ewwel u t-tieni aggravji għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

C. Fuq it-tielet aggravju

1. L-argumenti tal-partijiet

73 Permezz tat-tielet aggravju tagħha, l-EBMA, sostnuta mill-Kunsill, tikkontesta l-punti 79 sa 91 tas-sentenza appellata, li fihom il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kunsill ma setax jinvoka r-riskju ta' evitar sabiex jiġġustifika r-rifjut tal-applikazzjoni ta' dazju antidumping individwali għal Giant.

74 L-EBMA tqis, l-ewwel nett, li l-Qorti Ġenerali b'mod żbaljat ibbażat ruħha fuq il-premessa li l-kawża tirrigwarda d-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni. Huwa abbażi ta' din il-premessa żbaljata li, fil-punti 81 u 82 ta-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma jistgħux jinvokaw ir-riskju ta' evitar jekk dawk ma jkunux applikaw l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku u huma ma jkunu invokaw ebda dispożizzjoni oħra ta' dan ir-regolament li tipprevedi li l-eżistenza ta' riskju ta' evitar tista' tiġġustifika r-rifjut li jingħata dazju antidumping individwali lil produttur-esportatur.

75 It-tieni nett, fil-każ ta' kumpanniji relatati, bħall-gruppi Giant u Jinshan, dejjem ikun jeżisti riskju ta' evitar jekk entità relatata tikseb dazju antidumping iktar baxx minn entità oħra tal-istess grupp. Din hija r-raġuni għaliex il-prassi stabbilita tal-Unjoni tikkonsisti fl-applikazzjoni ta' dazji antidumping fil-livell tal-grupp u mhux fil-livell tal-entità. Għaldaqstant, il-punt 83 tas-sentenza appellata, li jagħmel riferiment għar-riskju teoriku ta' evitar bejn impriżi mhux relatati, huwa fundamentalment ivvizzjat u żbaljat fil-liġi, bl-evitar tkun iktar probabbli u iktar diffiċli li tiġi mikxufa bejn kumpanniji relatati. Barra minn hekk, il-punt 84 ta' dik is-sentenza ma huwiex rilevanti. Fil-fatt, ir-rapporti tal-grupp speċjali u tal-korp tal-appell tal-Korp ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim tal-WTO li huma ċċitati hemmhekk jirrigwardaw il-konformità tal-Artikolu 9(5) tar-regolament bażiku mal-Artikolu 9.2 tal-Ftehim dwar l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 189).

76 It-tielet nett, f'dak li jikkonċerna l-punti 85 sa 89 tas-sentenza appellata, l-EBMA targumenta li ma jistax jiġi eskluż li l-gruppi Giant u Jinshan kienu relatati matul il-perijodu ta' investigazzjoni b'mod li jmur lil hinn minn dak li jirriżulta mir-risposti għall-kwestjonarju ta' Giant mid-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' Jinshan.

77 Giant tikkontesta l-fondatezza ta' dawn l-aggravji.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

78 Permezz tat-tielet aggravju tagħha, l-EBMA tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli, fil-punti 79 sa 91 tas-sentenza appellata, qieset li l-Kunsill ma setax jinvoka r-riskju ta' evitar sabiex jiġġustifika r-rifjut tal-applikazzjoni ta' dazju antidumping individwali għal Giant.

79 Fl-ewwel lok, l-EBMA tikkontesta l-punti 81 u 82 tas-sentenza appellata. Fil-punt 81 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali fakkret il-kontenut tal-Artikolu 9(5) tar-regolament bażiku. Fil-punt 82 tal-imsemmija sentenza, hija qieset li l-eżistenza ta' riskju ta' evitar ma setax jiġi invokat mill-Kunsill sabiex jiġġustifika r-rifjut li jingħata dazju antidumping individwali peress li, minn naħa, din id-dispożizzjoni ma kinitx ittieħdet inkunsiderazzjoni waqt l-eżami tas-sitwazzjoni ta' Giant u, min-naħa l-oħra, ebda dispożizzjoni oħra tar-regolament bażiku li tipprevedi t-teħid inkunsiderazzjoni tar-riskju ta' evitar ma kienet ġiet invokata.

80 L-EBMA ssostni li l-imsemmija punti tas-sentenza appellata huma bbażati fuq il-premessa żbaljata li l-kawża tirrigwarda d-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni. Issa, hekk kif jirriżulta mill-punti 60 u 61 tas-sentenza preżenti, il-Kunsill effettivament applika l-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku għad-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni, u dan ġie kkontestat minn Giant kemm fil-kuntest tal-investigazzjoni antidumping kif ukoll quddiem il-Qorti Ġenerali.

81 Għaldaqstant, l-argument ibbażat fuq l-imsemmija premessa żbaljata għandu jiġi miċħud bħala infondat.

82 Fit-tieni lok, l-EBMA tikkontesta l-punti 83 u 84 tas-sentenza appellata. F'dawn il-punti, il-Qorti Ġenerali indikat li l-Kunsill ma setax jibbaża ruħu fuq riskju sempliċement ipotetiku ta' evitar. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali għamlet riferiment ukoll għal ċerti rapporti tal-grupp speċjali u tal-korp tal-appell tal-Korp ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim tal-WTO.

83 Skont l-EBMA, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali fl-imsemmija punti huwa vvizzjat peress li, fil-każ ta' kumpanniji relatati, dejjem jeżisti riskju ta' evitar.

84 Dan l-argument ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, minkejja li r-riskju ta' evitar tal-miżuri antidumping ikun iktar għoli fir-rigward ta' esportaturi relatati li fuqhom jistgħu jiġu imposti dazji antidumping ta' livell differenti, madankollu l-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma marbuta juru li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-investigazzjoni kkonċernata, dan ir-riskju huwa pprovat.

85 Hekk kif il-Qorti Ġenerali ġustament irrilevat fil-punt 83 tas-sentenza appellata, kwalunkwe interpretazzjoni oħra tħalli l-għoti ta' dazju individwali għad-diskrezzjoni esklużiva tal-istituzzjoni tal-Unjoni.

86 Barra minn hekk, din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-kliem tal-Artikolu 9(5) tar-regolament bażiku, li jgħid li dazju antidumping individwali jista' jiġi ddeerminat għall-esportaturi li, abbażi ta' talbiet debitament iddokumentati, dwarhom jista' jintwera li, b'mod partikolari, l-intervent tal-Istat ma huwiex ta' natura li jippermetti l-evitar tal-miżuri antidumping. Minn dan isegwi li l-assenza ta' riskju ta' evitar, bħall-eżistenza ta' tali riskju, ma tistax tiġi preżupposta.

87 Fit-tielet lok, f'dak li jikkonċerna l-punti 85 sa 89 tas-sentenza appellata, l-EBMA tqis li ma jistax jiġi eskluż li l-gruppi Giant u Jinshan kienu relatati matul il-perijodu ta' investigazzjoni.

88 Fil-punti 85 sa 89 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali uriet li l-informazzjoni li kellhom l-istituzzjonijiet tal-Unjoni waqt l-adozzjoni tar-regolament kontenzjuż kienet suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li ma kienx hemm riskju ta' evitar bejn il-grupp Giant u l-grupp Jinshan.

89 F'dan ir-rigward, hekk kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 108 tal-konklużjonijiet tiegħu, minkejja li l-EBMA ssostni li rabta bejn il-gruppi Giant u Jinshan ma tistax tiġi eskluża, madankollu hija ma tikkontestax l-elementi mressqa fil-punti 86 sa 89 tal-imsemmija sentenza, li fuqhom il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha sabiex tikkonkludi li ma kienx hemm tali rabta.

90 Minn dan isegwi li hemm lok li jiġi miċħud l-argument li huwa bbażat fuq li, kuntrarjament għal dak li qieset il-Qorti Ġenerali, ma jistax jiġi eskluż li l-gruppi Giant u Jinshan kienu relatati matul il-perijodu ta' investigazzjoni, kif ukoll it-tielet aggravju fl-intier tiegħu, u dan bħala infondati.

91 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, hemm lok li dan l-appell jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq l-ispejjeż

92 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. L-Artikolu 138(1) u (2) tal-istess regoli, li sar applikabbli għall-proċedura tal-appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, jipprovdi, minn naħa, li l-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn jintalbu u, min-naħa l-oħra, li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar kif għandhom jinqasmu l-ispejjeż fil-każ li diversi partijiet jitilfu l-kawża.

93 Peress li Giant talbet li l-EBMA tiġi kkundannata għall-ispejjeż u din tal-aħħar tilfet, hemm lok li hija tiġi kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk ta' Giant. Peress li l-Kunsill tilef, għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

94 Skont l-Artikolu 184(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk intervenjent fl-ewwel istanza jkun ipparteċipa fil-fażi bil-miktub jew orali tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, din tista' tiddeċiedi li huwa għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

95 Konsegwentement, il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Il-European Bicycle Manufacturers Association (EBMA) hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk ta' Giant (China) Co. Ltd.

3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

Firem